**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can )**

**Appell Numru: 163/2015**

Il-Pulizija

vs

**Jason Abela**

Illum, 22 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jason Abela, iben Alfred, imwieled l-Awstralja, fl-4 ta' Jannar, 1971, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 256300 (L), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f' dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Mejju, 2004, u matul ix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga

msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22 (1) (a), u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, u kkundannatu ghal piena ta' sentejn u nofs prigunerija effettiva u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b' rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b' din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' hames mija u sitta u tmenin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€586.48), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b' dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti ordnat wkoll il-konfiska tal-flus ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jason Abela minnu pprezentat fis-6 ta' April, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevoka u tillibera lill-appellanti u fin-nuqqas tinfliggi piena anqas harxa.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi l-ewwel aggravju jitratta l-apprezzament kompletament skorrett li ghamlet l-Ewwel Qorti mill-provi li kellha quddiemha. Illi verament li normalment il-Qrati tal-Appell, li ma' humiex Qrati ta' rivizjoni ma' ghandhomx ikunu mistennija li jissindikaw l-apprezzament tal-provi, izda meta dan l-apprezzament ikun wiehed bl' aktar mod skjaccanti hazin b' mod li flok gustizzja jkun sar oltragg ghall-gustizzja, allura l-Qorti tal-Appell ghandha l-obbligu li tissindika ezattament x' sehh;

Illi bid-dovut rispett, mill-provi prodotti sal-grad tal-probabbli it-tezi tal-appellanti hija wahda kredibbli u li rinfaccjata b' verzjoni bhal din il-Qorti ma' kellha l-ebda raguni '1 ghaliex ma' ssibx lill-esponenti hati ta' pussess semplici biss. S' intendi jekk minn irid jiggudika, jkun a priori deciz li dejjem jivvanta t-tezi taf -puliziia allura dika sfortunatament tkun storja ohra, storja miskina li taqleb ta' taht fuq il-principji l-aktar bazilari tal-kamp penali:

Illi l-ewwel nett, l-ammont li nstabu fuq l-esponenti huma ammonti ridikoli. Illi l-esponenti kellu fuqu tlitt sachets b' kull wahda jkollha anqas minn gramma eroina. Illi l-esponenti rrizulta wkoll mill-provi li dak iz-zmien kien juza hafna eroina, u ghalhekk f' sitwazzjoni bhal din kien ghal kollox vero simili li persuna ta' dak it-tip dak l-ammont rizorju ta' droga jkollha bzonnu biex tissodisfa l-kilba taghha stess.

Illi pero l-Ewwel Qorti tat donnu hafna piz ghal fatt li l-esponenti instab bid-droga fuqu meta kien hiereg mid-dar u mhux vice-versa. Illi ghal dina l-kongentura suspettuza, l-esponenti wkoll ta' spjega minn l-aktar kredibbli u li fil-verita tal-hajja, ghandha ghal kollox mis-sewwa. L-esponenti spjega li go daru kien jiddejjaq jiehu droga quddiem tifla ta' tmien snin ghalhekk huwa kien normalment rna' jiehux droga d-dar u dina kien jehodha jew ghand siehbu jew gewwa Tigne f' Tas Sliema stess. Illi jekk wiehed ghal mument ma' jipprovax jifhem il-psikologija ta' minn ikun jinsab fis -sitwazzioni li kien fiha l-esponenti [u hawn isir enfazi ghal kwsitjoni tal-verita tai-hajja] ftit li xejn wiehed ikun jista jaghmel apprezzament oggettiv ghal sitwazzjoni bhal dina.

Illi wiehed jistaqsi:

Fiha xi haga mhux kredibbli li missier li jkun fil-vizziu mishut tad-droga jara kif jaghmel biex quddiem uliedu ma' jiehux droga? Jekk wiehed joqghod jahseb u jixtarr ghal ftit fuq dina l-ispjega ir-risposta ovvja ghandha tkun li dak li qal l- esponenti ghandu ferm u ferm mis-sewwa u li bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti dwar il-punt ta' pussess aggravate kienet skorretta. Illi l-esponenti kellu jigi rnisjub hati ta' pusses semplici biss u moghti piena li solitament tinghata lil persuni li jinstabu fil-pusess ta' ammonti bhal dawk li nstabu fuq l-epsonenti:

Illi t-tieni aggravju huwa dwar il-piena. Hawnhekk jinghad b' rispett li dan l-aggravju qed jinghata jekk f' pessima ipotesi l-ewwel aggravju ma' jigix akkolt. Illi wiehed ghandu jqis dawn l-aspetti 'n kwantu l-piena:-

i. L-ammont ridikolu u zghir ta' droga li nstabet;

ii. Il-fatt li llum il-gurnata l-esponenti huwa ri-abilitat tant li sahansitra huwa llum wiehed minn dawk il-persuni li jikkura fl-agenziji appositi lil min ikollu problema ta' droga. Li titfa lill-esponenti llum il-habs tkun ' tragedja' ghas-sisterna ta' ri-abilitazjoni [dana dejjem jekk ahna sincieri dwar kemm ghandna ghal qalbna l-element ta' ri-abilitazzjoni];

iii. Finalment d-dewmien ghal kaz stupidu bhal dan ta' hdax il-sena [jekk wiebed jara biss kemm damet l-Ewwel Qorti biex tat is-sentenza ftit li xejn ikun hemm bzonn ta' kummenti] zgur u zgur li ma' jippermettix li bniedem jigi mibghut il-habs. Hawn ghandna ksur manifest tad-drittiiiet fundamentali tal-bniedem minhabba dewmien esegerat minn l-aktar lampanti. L-Ewwel Qorti, minkejja li d-dewmien in parte kien anke attribwit lilha stess, premjat lill-esponenti b' dak li qatt ma' kien imissha ghamlet u kkundannatu habs effettiv. Illi certament li wara ' tbazwira' bhal din l-anqas haga li kellha ssir kellha tkun li wiehed jinghata piena ferm u ferm anqas harxa:

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u dan fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2022.

**Tirrileva li minkejja li din il-kawza giet intavolata nhar it-28 ta' Frar 2005 giet deciza mill-ewwel Qorti ghaxar snin wara nhar il-25 ta' Marzu 2015. L-appell gie intavolat nhar is-6 ta' April 2015 u gie assenjat lil din il-Qorti preseduta mill-Imhallef Tonio Mizzi. Kien biss fis-7 ta' Frar 2019 li dan il-kaz gie quddiem din il-Qorti kif preseduta u dakinhar stess (fol. 123 ta l-atti) l-avukat difensur tieghu talab li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga wara li tisma ix-xhieda relevanti ghat-talba tieghu. Illi nhar it-18 ta' Frar 2020 din il-Qorti b'digriet taghha laqghet it-talba tad-difiza u ikkonvertiet ruhha fi Qorti ta' Droga u ghalhekk il-kaz gie assenjat quddiem il-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' persuni li inqabdu bid-droga. Nhar id-19 ta' Lulju 2022 il-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' persuni li inqabdu bid-droga ipprezenta nota fejn informa lil din il-Qorti li l-akkuzat appellant ittermina b'sodisfazzjoni il-programm ta' dak il-Bord u li fil-fehma tieghu l-kaz gie maghluq b'success. Il-kaz gie trattat dakinhar stess u differit ghas-sentenza ghal llum**.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant jistqarr li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif esposti fl-atti u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-fatt li huwa kellu tlett sachets fuq persuntu din ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma

tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti qis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal- Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[2]

[2] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi għalhekk din il-Qorti trid tesamina hi l-provi bir-reqqa u dan sabiex tara jekk l-ewwel Qorti waslitx għal ġudizzju li kien '*safe u satisfactory*' fid-dawl tal-provi imressqa.

L-allura **spettur Dennis Theuma** xehed nhar id-19 ta' Ottubru 2007 u esebixxa erba' mobiles, mizien f'pouch iswed u l-ammont ta' LM384 li gew misjuba waqt l-investigazzjoni. Ix-xhud rega xehed nhar is-27 ta' Marzu 2009 u pprezenta l-istatement meħuda mill-akkuzat fil-presenza ta' PS 114 Massimo Persiano u din giet markata bhala dok DT.

**Mario Mifsud,** deputat registratur tal-Qorti esebixxa l-proces-verbal redatt mill-allura Magistrat Dr. Dennis Montebello li jikkoncerna sejba ta' trab suspettuz fir-residenza ta' Jason Abela nhar it-18 ta' Mejju 2004. Dan gie markat bhala dok MM.

Minn ezami ta' dan il-proces-verbal jirrizulta li **Mario Mifsud,** l-ispizjar kien gie nominat bhala espert forensiku sabiex jesamina u janalizza t-trab suspettuz li instab fir-residenza ta' Jason Abela u jirrelata lura lil Qorti Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu fl-atti tal-inkjesta nhar l-1 ta' Ottubru 2004 u minn ezami tal-istess jirrizulta li t-trab kannella li kien hemm fl-erba' qratas u fil-borza tal-plastik kellu ammont nett totali ta' 1.180 grammi u nstabet fihom is-sustanza Eroina li hija sustanza kontrollata bil-ligi.

Xehed ukoll fl-atti tal-inkjesta PC 1261 Charles Pace li kien mahtur bhala espert tal-fotografija u nhar it-28 ta' Ottubru 2004 ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet markata bhala dok Nru 2. Huwa esebixxa seba' ritratti tal-boroz fejn instabet is-sustanza.

Ix-xhud rega xehed viva voce l-Qorti nhar l-1 ta' Frar 2008 u jghid li kien gie moghti inkarigu mill-Qorti nhar id-19 ta' Ottubru 1007 biex jghamel analizi fuq dokument wiehed li kien jikkonsisti minn mizien elettroniku li kien jahdem tal-marka Palmscale. Huwa ghamel swabbing min dan il-mizien u rrizultalu li kien sab xi tracci tas-sustanza Eroina.

Nhar id-19 ta' Ottubru 2007 xehed **PS 414 Massimo Persiano** viva voce il-Qorti u spjega li nhar it-18 ta' Mejju 2004 kellhom struzzjonijiet minghand l-ex spettur Nadia Lanzon fejn hi kellha informazzjoni li certu Jason Abela li gharaf prezenti fl-awla residenti tas-Sliema kellu xi droga fil-pussess tieghu. Huma marru fit-triq tar-residenza tieghu u wara li kienu ilhom hemm ghal xi hames minuti Jason Abela hareg minn go flat u waqfuh, ghamlulu search fuq persuntu u ohra fir-residenza tieghu. Fuq persuntu kellu xi flus kontanti u mobile phone. Fid-dar sabu xi sachets li kellhom trab kannella fihom. Minn hemmhekk elevaw ukoll xi mizien u haduh maghhom id-depot ghal aktar stharrig. Muri d-dokument markat bhala numru 2 jghid li dawk huma l-oggetti li elevaw mir-residenza ta' Jason Abela.

L-**ex Spettur Nadia Lanzon** xehdet nhar s-27 ta' Marzu 2009 u spjegat li f'Mejju 2004 kienet dahlet informazzjoni li kien hemm persuna certu Jason Abela li kien qed ibiegh id-droga. Kellhom informazzjoni fuqu u marru jghamlu xi osservazzjoni hdejn ir-residenza tieghu peress li kellhom informazzjoni li dan kellu johrog bid-droga fuqu. Kienu innutawh hiereg mill-flat tieghu ghall-habta tas-6.00p.m. Hija kienet fuq il-post ukoll. Dakinhar kien hiereg mat-tifla. Il-pulizija marret fuqu u kif induna li l-pulizija kienet sejra ghal fuqu rema xi flus u telaq jigri. Il-pulizija waqfuh. Hija kkonfermat l-istqarrija tieghu dok DT esebita fl-atti. Dan il-kaz sehh nhar it-18 ta' Mejju, 2004. Hija gharfet lill-akkuzat bhala Jason Abela. Meta l-pulizija qabditu ghamlet tfittxija fuqu u instab pakkett sigaretti li fih kien hemm xi qratas bi trab

kannella. Il-flus li nstabu kienu jammontaw ghal LM 384. Saret tfittxija fir-residenza tieghu gewwa tas-Sliema u nstabu aktar oggetti relatati mad-droga fosthom mizien digitali u tlett mobile sets tal-ghamla Nokia u xi qratas li jikkontjenu xi trab. Hija pprezentat rapport li kienet ghamlet li gie markat bhala dok NL.

**PS 1261 Charles Pace** xehed nhar is-27 ta' Marzu 2009 u stqarr li nhar id-19 ta' Mejju, 2004 kien acceda gewwa l-ufficcju tal-ex-spettur Nadia Lanzon u hemmhekk iffotografa envelop issiggilat bis-serial number 638741 li kien jikkontjeni tlett boroz tal-plastic. Wara kien ghadda d-dokument lill-**ispizjar** Mario Mifsud.

**Ps 1086 Johann Micallef** xehed nhar is-17 ta' Marzu 2009 u spjega li nhar it-18 ta' Mejju, 2004 huwa flimkien ma membri ohra tad-drug squad kellhom struzzjonijiet mill-ex spettur Nadia Lanzon sabiex imorru fi Graham Street Sliema u jistennew lil Jason Abela li gharaf prezenti fl-awla bhala l-akkuzat johrog mir-residenza tieghu. Appena hareg dawna waqfuh u kien ghall-habta tas-6.30 p.m. Kif rahom telaq jigri u hu u jigri beda jarmi l-flus mal-art. Kif waqfuh fil-but kellu pakkett sigaretti Marlboro fejn kellu tlett qratas tal-karti u qartas f'borza tal-plastic bi trab kannella. Huma dahlu fir-residenza tieghu biex jghamlu search u sabu mizien digitali qartas iehor tal-karti u xi karti plain bajda. Muri sett ritratti a fol. 31 li gew esebiti minn PC 1261 jghid li gharaf it-tlett boroz u gharaf il-borza fejn kien hemm il-pakkett ta' sigaretti Marlboro. Huwa gharaf it-tag li kien ghamel huwa stess dakinhar.

**Martin Bajada** xehed nhar is-6 ta' Lulju 2009 u jghid li kien gie moghti erba cellulari u tlieta minnhom ma kellhomx informazzjoni u wiehed kien hemm informazzjoni u pprezenthom il-Qorti. Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet markata bhala dok MB.

**PS 396 Saviour Baldacchino** xehed nhar is-6 ta' Lulju, 2009 u jghid li nhar it-18 ta' Mejju, 2004 kien prezenti waqt l-arrest ta' Jason Abela li gharaf bhala l-akkuzat. Qal li fuq struzzjoni tal-ex spettur Nadia Lanzon kien mar fi Graham Street tas-Sliema ghaliex kellhom struzzjoni li kellhom jarrestaw lil Jason Abela appena johrog mir-residenza tieghu. Fil-fatt hekk ghamel flimkien ma PS 1086, PS 114 u l-ex spettur Nadia Lanzon fejn wara tfittxija li saritlu instabu xi qratas suspettati Eroina. Hu kien fil-presenza tat-tifla tiehu u gie arrestat u saret tfittxija fil-presenza tieghu fejn kien hemm ukoll il-partner tieghu.

**Jason Michael Abela** irrilaxja stqarrija nhar id-19 ta' Mejju 2004 (Dok DT a fol. 39 ta l-atti) u mistoqsi diversi domandi ghazel li ma jwiegeb xejn minnhom kif del resto kellu kull dritt jghamel. Illi nhar l-24 ta' Ottubru 2011 huwa ghazel li jixhed b'mod volontarju. Jghid li dak iz-zmien li kien gie arrestat kien jikkonsma bejn nofs gramma u gramma Eroina kwazi kuljum. Kien johodha jew fil-garaxx ta' ommu u gieli barra ghaleix kellu tifla b'dizabilita u tfajla daqxejn gdida u ommha kienet telqet u kien ghaddej minn daqxejn ta' trauma. Jikkonferma li dakinhar il-pulizija qabzu fuqu u kellu xi flus. Jghid li huwa ghandu laqam mgharuf bhala tal-'isteak'. Jghid li kienu jiehdu hsieb il-loghob tal-Marsa Racing Club. Jghid li dakinhar li gie imwaqqaf mill-pulizija kellu xi LM300 fuqu ghaliex kien qed igemma biex isiefer it-tifla ghal kura. Mistoqsi kif kien jiehu d-droga jghid li kien jittaqqab. Jghid li jekk ixammar idejh din hija mimlija puncture marks ghaliex kien jittaqqab f'idejh. Qal li huwa kien jaqsam id-droga biex ikollu ghal kuljum. Kien jahbiha u ghalhekk kien jaqsamha biex kull darba jiehu pakkett. Jikkonferma li dakinhar il-pulizija sabitlu xi erba' jew hames pakketti. Mistoqsi minghand min kien jinqeda jghid li minghand hafna nies madwar Malta pero minghand min jghid li nesa. Qal li gieli kien jixtri d-droga shiha u meta ma kienx hemm kien jixtriha maqsuma. Mistoqsi kemm kien ihallas ghal kull gramma jghid li ma jiftakarx. Qal li meta kien jixtriha shiha kien

jidhol it-toilet jixghel ix-shower u jaqsamha bil-kwiet. B'hekk ma kienx ihalli t-tifla tidhol fuqu. Qal li gieli uza l-mizien biex jaqsam id-droga. Qal li minhabba l-addiction li kellu jekk kien ikollu borza kbira fuqu kollha kien johodha. Qal li dakinhar li waqfuh il-pulizija kien ser jiehu lit-tifla ghand ommu u kien sejjer Tigne sabiex jahbi d-droga. Il-qratas li kellu kienu iservuh gurnata jew tnejn. Mistoqsi kemm kien jonfoq kuljum jghid li ma jafx izda jaf li kellu habit mhux hazin. Jaf pero bejn LM 40 u LM 50 u gieli LM60. Id-droga li kellu fuqu kienet ghalih. Qal li apparti ix-xoghol tal-loghob tal-Marsa kien jahdem bhala night receptionist. Qal li tnejn mill-mobiles li elevaw il-pulizija kienu miksura u ghalhekk wiehed kellu mobile jahdem. Mistoqsi fuq il-messagg *' can you get me the perfumes please and check for me the price for Fahrenheit for men'* xi jghid, li jekk tkompli taqra issib *' the one with the brown bottle'*. Mistoqsi ghaliex hemm ukoll *'ok get it as well. When can you get them for me?'* Jghid li hu ma kienx salesman tal-fwieha pero kien ikollu flixken tal-fwieha Mistoqsi jekk ir-referenza ghal fwieha riditx tfisser referenza ghad-droga jghid li le mhux il-kaz. Qal li kien ikollu fwieha samples ghandu u kien ibieghhom lil xi nies biex jaqla' ftit flus ghaliex kien *single parent* u kien jibghat lil bintu skola privata.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:

1. Il-pulizija kienet qed tissorvelja r-residenza tal-akkuzat u appena l-akkuzat hareg mir-residenza tieghu l-pulizija qabzet fuqu.
2. Appena l-akkuzat induna bil-presenza tal-pulizija minkejja li kein fil-kumpanija tat-tifla tieghu li kellha tmien snin dan telaq jigri u beda jarmi l-flus li kellu fuq il-persuna tieghu liema flus gew migbura mill-pulizija.

3. Il-pulizija grew warajh, qabduh u ghamlu tfittxija fuq persuntu. Sabu pakkett tas-sigaretti u kellu sachet tal-plastic bit-trab kannella u tlett qratas tal-karti bi trab kannella.
4. Wara saret tfittxija fir-residenza tieghu u hemmhekk il-pulizija sabu qartas iehor fil-kcina bi trab kannella, karti bojod, tlett mobile phones u mizien digitali li kollha gew prezentati fl-atti ta' din il-kawza.
5. L-ispizjar jikkonferma li s-sustanza kienet Eroina.
6. Fix-xhieda tieghu il-Qorti l-akkuzat jghid li kien sejjer jahbi id-droga Tigne biex it-tifla u t-tfajla li kellu ma jindunawx bil-vizzju mishut tieghu, cio nonostante, id-droga li kien hemm fil-kcina.
7. Il-mizien elettroniku kellu tracci tad-droga Eroina kif konfermat mill-ispizjar Mario Mifsud.
8. L-akkuzat jghid li kien jikkonsma bejn nofs gramma jew gramma kuljum.
9. Fil-mobile phone instabu messsaggi dwar fwieha li kellu jiehu ghand xi hbieb u flixkun ta' kulur kannella izda jghid li verament kien ibiegh il-fwieha pero min fejn kien igib din il-fwieha jew provi dwarha ma gabx fl-atti u dan minkejja li insista li ma kienitx referenza ghad-droga.

Illi mill-qari tal-provi mressqa u partikolarment mis-sottomissjonijiet magħmula ma jirriżultax illi l-appellant qed jikkontesta li hu kellu l-pussess tad-droga erojina in kwistjoni. L-appellant jisħaq illi dan il-pussess kellu jkun ritenut bħala li kien għall-użu personali tiegħu stante li jtenni li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jittraffika jew imexxi s-sustanza li instabet fuq persuntu.

Illi r-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina, li tiegħu instab ħati l-appellant, huwa regolat bir-regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u dan fil-qafas tal-

Liġi prinċipali l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-regolament 9 tal-L.S. 101.02 jgħid hekk :

Hadd ma għandu jkun fil-pussess jew jittanta li jippossjedi xi droga kemm il-darba –

(a)Huwa ma jkunx awtorizzat għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza; jew

(b)Huwa ma jkunx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga; jew

(c) Huwa ma jkunx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa jew mhux awtorizzat b'dawn ir-Regoli jew b'awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għadDipartiment tas-Saħħa li jkollu d-droga fil-pusses tiegħu; jew

(d) Huwa ma jippruvax illi d-droga kienet fornuta għall-użu tiegħu skond dik ir-riċetta kif imsemmi qabel;

Iżda, l-kwalifika li tinsab fil-paragrafu (d) ma tkunx tgħodd fil-każ ta' xi droga, fornuta lill-persuna għall-użu tagħha skond riċetta jekk dik il-persuna f'dak iż-żmien li liha ngħatat id-droga kienet qedgħa taħt kura ta' tabib ieħor dwar li kienet tieħu bi drawwa xi drogi jew xort'oħra, u li kienet fornuta b'xi droga fuq riċetta maħruġa minn dak it-tabib u ma semmietx dik il-ħaġa lit-tabib imsemmi l-ewwel qabel ma d-droga kienet fornuta lilha[3].

---

[3] Ara wkoll regolamenti 15 u 16 tal-LS 101.02

Din id-disposizzjoni trid tinqara fid-dawl ta' dak ipprospettat fil-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u in partikolari ta' dawk l-artikoli tal-Liġi t'applikazzjoni ġenerika u li jestendu wkoll għal dawn ir-regolamenti. In oltre d-diċitura ta' din il-liġi tinkorpora l-elementi kemm tal-pussess aggravat kif ukoll tal-pussess sempliċi.

Illi minbarra dan il-Liġi Maltija tagħti definizzjoni wiesa tar-reat ta' traffikar kif ipprovduta taħt l-artikolu 22(1B) tal- Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u li jinqara testwalment kif ġej:

Għal finijiet ta' din l-Ordinanza (tad-Droga) il-kelma jittraffika (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'referenża għat-traffikar tal-mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi meta l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-manifattura, l-esportazzjoni, d-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, l-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, l-għoti tal-informazzjoni intiża biex twassal għax xiri ta' tali mediċini bil-ksur ta' din L-Ordinanza.

In oltre l-ġurisprudenza Maltija dwar id-distinzjoni bejn il-pussess sempliċi jew pussess kwalifikat hija waħda kopjuża. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** deċiża minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta, din il-Qorti rriteniet illi *F'kaz ta' pussess ta' droga f'cirkostanzi tali li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv ta' persuna, il-posizzjoni legali hija cara; il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju ddettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur.*

*Prova ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed.*[4]

L-istess ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** li saret referenza għaliha anki mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza fejn intqal ukoll is-segwenti:

Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs.Carmel Spiteri**" [2.9.1999].)
*Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli.*[5] (App. Krim . "**Il-Pulizija vs. Brian Caruana**" [23.5.2002] )

Illi huwa ċar illi f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati għamlet dan l-apprezzament fejn kienet tal-fehma illi l-pussess ta' dak l-ammont ta' droga fuq l-appellant f'dawk iċ-

---

[4] Deċiża mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar is-26 ta' Awwissu 1998
[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar it-12 ta' Mejju 2005.

ċirkostanzi, anke jekk f'ammont żgħir, xorta waħda kien jammonta għal pussess aggravat aktar milli pussess sempliċi. Dak l-ammont żgħir ta' droga, misjub f'ċirkostanzi differenti, setgħa verament kien ikun indikattiv li kien għal użu personali. Iżda f'dan il-każ, dak l-ammont ta' droga instab fuq il-persuna tal-appellant, huwa u hireg mid-dar fil-kumpanija ta bintu ta tmien snin. Jghid li kien sejjer jahbi id-droga Tigne pero fl-istess nifs il-pulizija tghid li fil-kcina l-appellant kellu ukoll xi droga. JInghad ukoll li meta ra l-pulizija hwua telaq jigri minkejja likeinfil-kumpanija ta bintu ta tmin snin u beda jarmi l-flu sli kellu fuq il-persuan tieghu. Dan hu indikattiv li l-appellant kellu x'jahbi u ma riedx li l-pulizija taqbdu in flagrante fil-pusess ta erba' sachets droga eroina. L-ispejgazzjoni li huwa ta dwar il-messaggi li instabu fuq il-mobile tieghu lejliet it-tfittxija ukoll mhiex plawsibbli molto piu meta ghall-ewwel jghid li kienjahdem bhal anight receptionist u fil-logh taz-zwiemel il-Marsa izda meta ikkonfrontat bil-messaggi ighid li kien ibiegh xi fwieha li kienu samples. Prova dwar dan in-negozju pero ma irssaqx biex jikkolobora it-tezi tieghu.

Konsegwentement għal dak li jirrigwarda l-pussess aggravat, din il-Qorti tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib il-ħtija fl-appellant.

Il-Qorti rat li l-appellant ipprezenta ukoll aggravju fuq il-piena imposta mill-ewwel Qorti u cioe li gie kkundannat piena ta' sentejn u nofs prigunerija u multa ta' elfejn euro (€2,000) olte I gie kkundannt ihallas l-ispejjez tal-periti nomianti fl-inkjesta.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi

speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio** [6], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia** [7] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[8] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

---

6

7

8

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi jirrizulta pero li hemm kundizzjonijiet li ghandhom jigi kunsidrati meta tigi biex tapplika l-piena fosthom li l-ammont ta' droga li instabet ghand l-appellant kienet zghira, it-trapass taz-zmien u cioe tmintax-il-sena minn meta sehh il-kaz, li l-appellant ghamel kambjament f'hajtu li irnexxilu jehles mill-vizzju mishut tad-droga tant li l-Bord ta' Rijabilitazzjoni dwar il-persuni li inqabdu bid-droga stqarrew li l-appellant ittermina b'success l-process ta' Rijabilitazzjoni tieghu. Konsegwentement a bazi ta' dawn il-konsiderazzjoni din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrevoka il-piena inflitta mill-ewwel Qorti u minflok is-sentejn u nofs prigunerija inflitta mill-ewwel Qorti tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tirrevoka l-multa inflitta mill-ewwel Qorti fl-ammont ta' elfejn euro u minflok tikkundannah multa ta' hames mitt euro (€500).

Il-Qorti qeghda taghti l-fakolta lill-appellant ihallas din il-multa inflitta bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin euro (€50).

Oltre dan tikkomferma l-kundanna moghtija lill-appellant mill-ewwel Qorti sabiex ihallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-esperti fl-ammont ta' €586.48 li ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnesi maghha esebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-flus esebiti favur il-Gvern ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur